# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-23 t'Ottubru, 2018.**

**Rikors Numru 289/2016 SM**

**Angelic Mifsud**
**f'ismu proprju u ghan-nom u in**
**rapprezentanza tas-socjeta` *Lambusa Maritime Company Limited***
**(C – 39329)**

**vs.**

**Joseph Demicoli u Paul Piscopo**
**ghan-nom u in rapprezentanza**
**tal-Koperattiva Ghaqda Koperattiva**
**tas-Sajd**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-8 t'April, 2016, li permezz tieghu r-rikorrenti *proprio et nomine* sintetikament espona s-segwenti, (ara foll 1);

1.1. Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet inversi datata t-12 ta' Frar, 2016, r-rikorrenti *proprio et nomine* gie ikkundannat jizgombra mill-fond numru 150, Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk;

1.2. Illi l-intimati kienu jokkupaw l-imsemmi fond a bazi ta' kuntratt ta' *management* mertu tal-imsemmija sentenza, liema kuntratt kien ukoll terminat in forza tal-istess sentenza;

1.3. Illi l-intimati kellhom il-fond *de quo* f'idejhom a bazi ta' lokazzjoni mid-Dipartiment tal-Artijiet;

1.4. Illi l-imsemmi Dipartiment ittermina l-imsemmija lokazzjoni u b'hekk dawn issa tilfu kull titolu li kellhom fuq l-imsemmi fond;

1.5. Illi l-pussess tal-imsemmi fond issa hu f'idejn id-Dipartiment tal-Artijiet;

1.6. Illi konsegwentement l-intimati m'ghandhomx dritt li jizgumbraw lil hadd mill-istess fond *stante* li m'ghadux jappartjeni lilhom;

1.7. Illi l-intimati m'ghandhom l-ebda titolu fir-rigward;

1.8. Illi l-uniku pussessur legittimu hu d-Dipartiment tal-Artijiet;

1.9. Illi ghalhekk l-izgumbrament tar-rikorrenti mill-imsemmi fond ma jistax jigi ezegwit mill-intimati fil-konfront tar-rikorrenti *proprio et nomine*;

1.10. Illi ghalhekk adixxa din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.10.1. Tiddikjara li t-titolu ta' lokazzjoni li r-rikorrenti kienu jgawdu fuq il-fond *de quo* giet terminata mill-Kummissarju tal-artijiet sid tal-istess;

1.10.2. Tiddikjara li l-intimati m'ghandhomx dritt li jiehdu l-pussess tal-fond in dizamina f'idejhom jew li

jiddetjenu l-istess fond *stante* li m'ghandhom l-ebda titolu fuqu;

1.10.3. Tiddikjara li l-ordni tal-Qorti tal-Appell moghti fis-sentenza fuq riferita biex ir-rikorrenti *proprio et nomine* jizgombra mill-fond fuq imsemmi favur l-intimati m'ghadux ezegwibbli gialadarba l-intimati tilfu kull titlu fuq l-istess fond;

1.10.4. Tiddikjara li l-istess ordni ta' zgumbrament m'ghadux aktar effettiv favur l-intimati;

1.10.5. B'rizerva ghal kull azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti *proprio et nomine*;

1.10.6. Bl-ispejjez;

2. Rat id-digriet taghha datat l-14 t'April, 2016, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 32);

3.0. Rat ir-risposta datata t-3 ta' Gunju, 2016, li permezz taghha l-intimat Demicoli *nomine* sintetikament espona s-segwenti, (ara foll 56):

3.1. Illi joggezzjona ghat-talbiet tar-rikorrenti *stante* li irritwali u mhix f'lokha;

3.2. Illi t-talbiet fir-rikors promotur jammontaw ghal sospensjoni ta' mandat ta' zgumbrament;

3.3. Illi dawn il-proceduri m'ghandhom x'jaqsmu xejn ma mandat ta' zgumbrament;

3.4. Illi ghalhekk t-talbiet tar-rikorrenti qatt ma jistghu jintlaqghu;

4.0. Rat ukoll ir-risposta datata l-21 ta' Gunju, 2016, li permezz taghha l-intimati sintetikament rrispondew ukoll bil-mod segwenti, (ara foll 59):

4.1. Illi mhux minnu li l-lokazzjoni giet terminata;

4.2. Illi l-Koperattiva intimata ghadha l-inkwilin tal-fond in dizamina;

4.3. Illi permezz tas-sentenza taghha datata t-12 ta' Frar, 2016, il-Qorti tal-Appell, ikkonfermat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili datata l-14 ta' Novembru, 2014, senjatament li l-intimati ghandhom id-dritt li jiehdu l-pusses tal-fond in dizamina, (ara foll 62 u foll 88 rispettivament);

4.4. Illi mhux minnu li l-intimati tilfu d-dritt ghaz-zamma tal-istess fond;

4.5. Illi r-rikorrenti ser jigu zgumbrati bl-esekuzzjoni ta' mandat ta' zgumbrament datat id-29 t'April, 2016, li kien ikkonfermat b'digriet datat it-3 ta' Gunju, 2016, (ara foll 100 u foll 106 rispettivament);

4.6. Illi ghalhekk it-talbiet kollha tar-rikorrenti *proprio et nomine* ghandhom jigu respinti;

4.7. Bl-ispejjez;

4.8. Salv risposti ulterjuri skont il-ligi;

5. Rat id-digriet taghha datat it-22 ta' Novembru, 2017, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti *proprio et nomine*, awtorizzat lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 135);

6. Rat id-digriet taghha datat l-4 ta' Dicembru, 2017, li permezz tieghu, wara rikors appozitu datat it-22 ta' Novembru, 2017, (ara foll 136), imwiegeb mill-kontro-parti fl-1 ta' Dicembru, 2017, (ara foll 240), awtorizzat lill-intimati hemm rikorrenti biex id-dokumenti hemm minnhom inkluzi jigu inkluzi *in atti*, (ara foll 136 u foll 241);

7. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti *proprio et nomine* datata d-29 ta' Jannar, 2018, (ara foll 244), flimkien ma dik tal-intimati *nomine* datata t-23 ta' Marzu, 2018, (ara foll 248);

8. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat l-24 t'April, 2018, li permezz tieghu infurmaw lill-qorti li kienu qed jistriehu fuq is-sottomissjonijiet skritti taghhom, (ara foll 255);

9. Semghet ix-xhieda prodotta;

10. Ezaminat id-dokumenti pprezentati *in atti*;

Ikkunsidrat:

11.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament deklinati bil-mod segwenti:

11.1. Illi r-rikorrenti *proprio et nomine* jippremetti li kien ikkundannat jizgombra mill-fond numru 150, Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk, u dan fuq talba tal-intimati *nomine*, (ara l-mandat ta' zgumbrament numru 657/2016 a foll 224, datat il-21 ta' Marzu, 2017, u dan, in virtu tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell, datata t-12 ta' Frar, 2016, a foll 6);

11.2. Illi l-fond in dizamina indikat fil-paragrafu precedenti kien f'idejn l-intimati *nomine* in forza ta' kuntratt ta' lokazzjoni lilhom koncess mid-Dipartiment tal-Artijiet;

11.3. Illi l-imsemmi Dipartiment ittermina l-lokazzjoni fuq riferita, (ara foll 114 u 116);

11.4. Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti *proprio et nomine* isosstnu li la fil-hin li gew ordnati jizgumbraw mill-fond *de quo* l-intimati *nomine* ma kellhomx drittijiet aktar fuq l-istess fond, ghalhekk ma kellhomx dritt jiehdu lura l-pussess tal-fond in kwistjoni;

11.5. Illi b'hekk ir-rikorrenti *proprio et nomine* isosstni li wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fuq riferita, (ara paragrafu numru hdax punt wiehed, (11.1.), aktar qabel), u wara l-ordni ta' zgumbrament fuq ukoll riferit fl-istess paragrafu hawn indikat, dan l-istess ordni ta' zgumbrament m'ghadux aktar ezegwibbli;

11.6. Illi *da parti* taghhom l-intimati *nomine* jirrispondu billi:

11.6.1. Jichdu li l-lokazzjoni in dizamina giet terminata mill-Kummissarju tal-Artijiet;

11.6.2. Jsosstnu li l-ordni ta' zgumbrament gie debitament ordnat mill-qorti;

11.6.3. Illi bis-sentenza taghha l-Qorti tal-Appell ikkundannat lir-rikorrenti *proprio et nomine* biex jizgumbraw mill-fond in kwistjoni;

11.6.4. Illi ghalhekk l-ordni ta' zgumbrament inhareg bis-sahha ta' titolu ezekuttiv regolarment mahrug a bazi ta' sentenza li kkonfermat sentenza in prim'istanza;

Ikkunsidrat:

12. Illi f'dan il-kuntest taghmel referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud vs. Mark Grima *et proprio et nomine***, datata z-**19 ta' Novembru, 2008**, li tghid:

"Il-qorti tirrileva li la darba l-intimat kien gia` ottjena titolu esekuttiv, kien jispetta lir-rikorrenti li jikkontestaw l-ewwel it-titolu esekuttiv qabel jitolbu r-revoka tal-mandat. Dan bhal meta parti tottjeni sentenza mill-qorti u tigi biex tesegwiha bil-mandati relattivi, il-parti l-ohra ma tistax titlob ir-revoka tal-mandat esekuttiv li jinhareg billi tippretendi li ma taqbilx mas-sentenza izda *semai* ghandha tattakka s-sentenza li fuqha nhareg legalment il-mandat";

13. Illi bl-istess mod l-istess **Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Joseph Caruana Curran *et* vs. Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud**, datata s-**26 ta' Marzu, 2010**, sosstniet is-segwenti:

"Dan jinghad ghaliex ladarba l-Kummissarju intimat seta' kien diga kiseb titolu ezekuttiv kontra r-rikorrenti, li messu sar mir-rikorrenti hu li, qabel kull haga ohra, jikkontestaw it-titolu ezekuttiv qabel ma jitolbu t-thassir tal-Mandat";

Ikkunsidrat:

14. Illi jirrizulta li fil-konfront tal-fond in meritu l-intimati *nomine* kienu regolarment talbu u ottenew titolu ezekuttiv li a bazi tal-istess sussegwentement inhareg ukoll il-mandat ta' zgumbrament hawn attakkat mir-rikorrenti *proprio et nomine*;

15. Illi fid-dawl tal-gurisprudenza fuq riprodotta, li din il-qorti ampjament tikkondividi, r-rikorrenti kellhom l-ewwel u qabel kollox jattakkaw dik is-sentenza li l-intimati, in forza taghha, qed jezegwixxu l-izgumbrament in dizamina;

16. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-procedura odjerna inizjata mir-rikorrenti *proprio et nomine* qatt ma tista' twassalhom fejn jixtiequ huma;

Ikkunsidrat:

17.0. Illi ghalhekk, in vista tal-istess, din il-qorti hi sodisfatta li r-risposti tal-intimati *nomine* jimmeritaw li jigu akkolti *stante* li t-talbiet tar-rikorrenti *proprio et nomine* ma jistghux jigu akkolti, u konsegwentement:

**DECIDE:**

17.1. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti *proprio et nomine*;

17.2. Takkolji t-talbiet kollha tal-intimati *nomine*;

17.3. Bl-ispejjez kontra Angelic Mifsud *proprio et nomine*.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**